MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2003

Numru 645/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Jason Pace ta’ 22 sena, iben Patrick u Mary xebba Zerafa, mwieled Pieta’ fl-10 ta’ Settembru, 1980 u li joghod 42, Triq San Gwann, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 429880(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason Pace li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'dawn l-ahhar tliet xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat talli matul dawn l-ahhar tliet xhur u qabel it-2 ta' Awissu, 2003 mill-fabbrika bl-isem 'Toly Products' sitwata fiz-Zejtun matul il-gurnata kkommetta serq ta' flus ta' madwar Lm 2,000 kontanti li jikkonsistu f'diversi flus barranin ghad-dannu ta' William Wait u l-kumpanija 'Toly Products' liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u persuna u dan bi ksur tal-artikoli 261, 263, 267, 268 tal-Kodici Kriminal tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

Rat li l-partijiet iddikjaraw li l-fedina penali ta' l-imputat hi nadifa ghalkemm mhix esebita.

Rat li l-imuptat ikkoopera mal-Pulizija. Rat l-eta' tenera tieghu u li rritorna l-oggetti mixtrija bil-flus misruqa lill-Pulizija. Rat li obbliga ruhu li jhallas is-somma misruqa b'rati mensili ta' Lm 50 lis-socjeta' derubata.

Issibu hati wra li rat l-Artiklu 261, 263, 267 tal-Kap 9 u tikkundannah ghal hames mitt lira Multa (Lm 500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------